**Lorna Vassallo**
**Ittra lill-Editur**
**Mibghuta lill-Editur**
**Frans Ghirxi Orizzont**
**14 ta’ Ottubru 2007**

**Kumpens**

Persuna mill-hafna li ltqajt maghhom dan l-ahhar kellmitni fuq it-Tribunal fejn jigu decizi l-multi moghtija mill-Gwardjani Lokali. Hija sahqet fuq il-fatt illi kull min jigi mghajjat halli jitla' jiddefendi lilu nnifsu f'kaz ta' multa qieghed jitlef gurnata xoghol, jew gurnata 'leave' li s'issa mhux qed jigi kumpensat taghha. Ragunament logiku u razzjonali ghall-ahhar. Tant hu logiku u razzjonali li b'mod indirett qed juzawh l-istess tribunali f'kaz li persuna ma titlax tiddefendi l-kaz taghha bla ma thallas u mal-multa originali tehel multa ohra ta' LM5 b'disprezz lejn it-tribunal. Il-kuncett ta' disprezz lejn il-gudikatura u l-istituzzjonijiet legali huwa stabbilit mija fil-mija. Izda l-kuncett ta' disprezz lejn ic-cittadin li jittella' ghalxejn zgur li mhux ikkontemplat. Ghal darb'ohra l-awtoritajiet versus ic-cittadin qed jigu 1-0. Wiehed jiehu d-drittijiet kollha u oltre. L-iehor ghandu biss riskju kbir jekk jiehux drittijietu. U apparti r-riskju, jew jitlef gurnata xoghol / leave jew xi sighat pro rata (apparti spejjez ta' petrol li llum huma sinjifikanti) u minimu ta' LM10 tal-kontravenzjoni, jew il-gurnata xoghol / leave u l-petrol / diesel biss. Filwaqt li l-awtoritajiet ghandhom jew 0 jew -1, ic-cittadin ghandu jew -2 jew -1. Tghidx dan b'lingwa popolari jew a bazi ta' terminologija legali - ghal darb'ohra ghandna ksur tal-principju ta' l-ugwaljanza fl-armi (equality of arms) u intimidazzjoni tac-cittadin li xi kultant, minhabba l-ingustizzja tas-sitwazzjoni jaghzel li jhallas il-multa anke jekk ikollu kull dritt li jiddefendi l-multa ta' kontrih.

Lorna Vassallo